IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 10.3.2011
KUMM(2011) 118 finali

2011/0051 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

**Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta fiha għadd ta' emendi għar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ). Dawn huma r-riżultat tal-esperjenza li nkisbet waqt l-ewwel snin tal-applikazzjoni tiegħu. Il-proposta fiha wkoll modifiki marbuta mill-qrib mal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985.

**Kuntest ġenerali**

Fit-13 ta' Ottubru 2006 daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

Wara erba' snin ta' applikazzjoni fil-prattika, inħasset il-ħtieġa li jsiru għadd ta' emendi tekniċi limitati. L-għejun prinċipali għal dawn l-emendi huma:

- l-esperjenzi li kellhom fil-prattika l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, inklużi r-riżultati tal-valutazzjonijiet ta' Schengen, kif ukoll ir-rapporti u t-talbiet li tressqu mill-Istati Membri;
- ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Settembru 2009 dwar l-operat tad-dispożizzjonijiet dwar it-timbrar tad-dokumenti tal-ivjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont l-Artikoli 10 u 11 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (COM(2009) 489);
- ir-rapport tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2010 dwar l-applikazzjoni tat-Titolu III (Fruntieri Interni) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (COM(2010) 554);
- konsiderazzjonijiet ta' konsistenza marbuta ma' leġiżlazzjoni oħra adottata riċentement, b'mod partikolari, il-Kodiċi dwar il-Viżi (Regolament (KE) Nru 810/2009 tat-13 ta' Lulju 2009) u d-Direttiva dwar ir-Ritorn (Direttiva 2008/115/KE tas-16 ta' Diċembru 2008.)

Din il-proposta fiha emendi li jtejbu ċ-ċarezza u jnaqqsu l-possibilità li jkun hemm interpretazzjonijiet diverġenti tat-test eżistenti kif ukoll emendi li jindirizzaw problemi prattiċi li tfaċċaw waqt l-ewwel snin tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Barra minn hekk tipprovdi qafas legali espliċitu għal ftehimiet bilaterali marbuta mal-kontrolli konġunti tat-traffiku tat-toroq fil-fruntieri

Se jkun hemm proposti speċifiċi fir-rigward u se jiġu diskussi b'mod separat inizjattivi ġodda ta' politika, bħall-ħolqien ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ mill-UE u Programm ta' Vjaġġatur Reġistrat tal-UE.

**Dispożizzjonijiet eżistenti**

Regolament (KE) Nru. 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

It-tibdiliet proposti kienu s-suġġett ta' skambju ta' opinjonijiet mal-esperti mill-Istati Membri f'laqgħa tal-Grupp dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil li saret fis-16 ta' Marzu 2010.

Fis-7 ta' Mejju 2010, permezz ta' laqgħa speċjali tal-esperti kien possibbli li jkun hemm skambju fil-fond tal-opinjonijiet dwar l-emendi proposti. L-esperti mill-Istati Membri appoġġaw b'mod ġenerali s-sustanza tat-tibdiliet li ġew proposti, kif ukoll il-metodu li jiġu proposti emendi tekniċi, bil-għan li jkun hemm għadd limitat ta' elementi ta' titjib prattiċi u tekniċi fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Bosta esperti enfasiżżaw il-ħtieġa prattika u urġenti li jiġu indirizzati b'mod prammatiku wħud mill-kwistjonijiet imqajjma f'din il-proposta u esprimew it-tama li l-emendi jiġu adottati b'ħeffa.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

**Sommarju**

L-emendi prinċipali jikkonċernaw il-kwistjonijiet li ġejjin:

– Definizzjoni ċara tal-metodu tal-kalkolu ta' 'soġġorni li ma jeċċedux tliet xhur f'kull perijodu ta' sitt xhur' (Artikolu 5): wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-3 ta' Ottubru 2006 fil-kawża C-241/05, *Bot*, (ECR 2006 p.I-09627) u l-adozzjoni ta' dispożizzjoni parallela relatata fl-Artikolu 2(2)(a) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, jidher li huwa meħtieġ li jkun hemm gwida leġiżlattiva ċara u awtentika dwar din il-kwistjoni għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

– Kjarifika fir-rigward tal-perijodu ta' validità meħtieġ għad-dokumenti ta' vjaġġar ta' persuni li ma għandhomx viża (Artikolu 5), b'reazzjoni għall-ħtiġijiet prattiċi u sabiex it-test ikun konformi mal-Artikolu 12 tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

– Possibbiltà ta' ħolqien ta' korsiji separati għal vjaġġaturi li ma jkollhomx viża (Artikolu 9) sabiex ikun hemm iktar flessibilità u tħaffif tal-kontrolli fil-fruntieri skont il-ħtiġijiet prattiċi.

– Titjib fit-taħriġ tal-gwardjani fuq il-fruntieri sabiex jiġu identifikati sitwazzjonijiet partikolarmanet vulnerabbli relatati ma' minorenni mhux akkumpanjati u vittmi ta' traffikar (Artikolu 15); il-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċifika lit-taħriġ biex jiġu identifikati sitwazzjonijiet bħal dawn ġiet ikkonfermata reċentement mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar Minorenni mhux Akkumpanjati (2010 – 2014) COM 2010(213)finali tas-6.5.2010.

– Il-possibilità li jingħataw derogi marbuta mad-dħul u l-ħruġ ta' membri tas-servizzi ta' salvataġġ, tal-pulizija u tas-servizzi tat-tifi tan-nar li jkunu qed jaġixxu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza (Artikolu 19).

– Provvista ta’ qafas legali espliċitu għal qsim konġunt tal-fruntieri (Anness VI): sabiex ikun possibbli li l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi ġirien tagħhom jilħqu ftehimiet bilaterali dwar il-koperazzjoni fil-kontrolli fuq il-fruntieri fejn ikun hemm punti konġunti għall-qsim tal-fruntiera, jeħtieġ li l-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen jiġi emendat biex jippermetti b’mod espress li jkun hemm ftehimiet bilaterali dwar kontrolli konġunti fuq il-fruntiera u biex jipprovdi qafas legali dwar ċerti kwistjonijiet ewlenin, bħas-sitwazzjoni ta’ persuni li jitolbu l-protezzjoni internazzjonali.

**Bażi legali**

L-Artikolu 77(1) u l-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Din il-proposta temenda r-Regolament (KE) Nru. 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) li kien imsejjes fuq id-dispożizzjonijiet analogi tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jiġifieri, l-Artikoli 62(1) u (2)(a) tiegħu. Temenda wkoll l-Artikoli 21 u 22 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen tal-14 ta’ Ġunju 1985, li bid-Deċiżjoni 1999/436/KE ġie determinat li għandhom ikunu msejsa fuq l-Artikolu 62(3) KE, kif ukoll fuq l-Artikolu 136 ta' din il-Konvenzjoni, li kien determinat li huwa msejjes fuq l-Artikolu 62(2) KE.

**Prinċipju tas-sussidjarjetà**

L-Artikolu 77(1)(a) u (b) jagħti s-setgħa lill-Unjoni biex tiżviluppa politika bil-għan li ‘tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq persuni, hi x’inhi n-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni’ u ‘biex twettaq kontrolli fuq persuni u tagħmel monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni’.

Il-proposta attwali hija fil-limiti stabbiliti minn dawn id-dispożizzjonijiet. L-għan ta’ din il-proposta huwa li jiġu żviluppati iktar u jittejbu mil-lat tekniku l-miżuri tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li jirrigwardaw il-kontrolli li għalihom jiġu suġġetti l-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni u n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni meta jaqsmu l-fruntieri interni. Dan ma jistax jinkiseb b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħidhom minħabba li emenda ta’ Att tal-Unjoni li diġà jeżisti (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) tista' ssir biss mill-Unjoni.

**Prinċipju tal-proporzjonalità**

l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-kontenut u l-forma tal-azzjonijiet tal-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-għanijiet tat-Trattati. Il-forma magħżula għal din l-azzjoni tal-Komunità għandha tippermetti li l-proposta tilħaq l-għan tagħha u li tkun implimentata bl-iktar mod effettiv possibbli.

Il-ħolqien ta’ Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen fl-2006 kellu jsir taħt forma ta’ regolament, sabiex ikun żgurat li jiġi applikat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen. L-inizjattiva proposta — emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen — hija emenda ta’ regolament li diġà jeżisti u tista' tinkiseb biss permezz ta' regolament. Fir-rigward tal-kontenut, din l-inizjattiva hija limitata għal titjib tar-regolament eżistenti u hija msejsa fuq

orjentazzjonijiet politiċi li jinsabu fih. Il-proposta għalhekk hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

**L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda effett fuq il-baġit tal-UE.

## 5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

**Konsegwenzi tad-diversi protokolli annessi mat-Trattati u tal-ftehimiet ta’ assoċjazzjoni konklużi ma’ pajjiżi terzi**

Il-bażi legali għal din il-proposta tinsab fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-konsegwenza li tapplika s-sistema ta' ‘ġeometrija varjabbli’, provduta fil-protokolli dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka u fil-protokoll ta' Schengen. Il-proposta hija msejsa fuq l-*acquis* ta' Schengen. Għalhekk, il-konsegwenzi tal-protokolli varji jridu jiġu kkunsidrati fir-rigward tad-Danimarka, tal-Irlanda u tar-Renju Unit; l-Islanda u n-Norveġja; u l-Isvizzera u l-Liechtenstein. Is-sitwazzjoni ta’ kull wieħed minn dawn l-Istati hija deskritta fid-dettall fil-premessi 7-12 ta’ din il-proposta.

**Ħarsa ġenerali fil-qosor lill-emendi proposti**

– *Artikolu 1 - Addattamenti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen*

Bidliet orizzontali

– Fit-test kollu qed jiġu proposti għadd ta’ bidliet b’riżultat tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona (‘UE’ minflok ‘KE’; ‘Unjoni Ewropea minflok ‘Komunità Ewropea’; referenzi aġġornati għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat).

Artikolu 2, Definizzjonijiet

– Punt 1: Adattament bħala riżultat tat-tibdil propost fil-punti 4 u 4a.

– Punt 4: Kjarifika, li tenfasizza li l-Artikolu 2, punt 4 jirrigwarda l-konnessjonijiet bil-vapur *bejn l-Istati Membri biss*.

– Punt 4(a): Id-definizzjoni l-ġdida għandha tippermetti lill-operaturi tal-ġarr tal-merkanzija interna li jibbenefikaw mill-assenza ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni bl-istess mod bħal ma jibbenefikaw l-operaturi tal-laneċ interni.

– Punt 15: Id-definizzjoni ta’ permess ta’ residenza ssawwret mill-ġdid. Sabiex jiġi evitat kull tip ta’ nuqqas ta’ ftehim, qiegħed jingħad b'mod ċar li l-viżi (kemm dawk għal soġġorn twil u dawk għal soġġorn qasir) ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala ‘permessi ta' residenza’ fl-ambitu tat-tifsira tal-punt 15(b). Tneħħiet ir-referenza skaduta għal ‘dħul mill-ġdid’. Ġie ċċarat ukoll li biex jiġu rikonoxxuti, il-permessi nazzjonali għandhom jiġu notifikati u ppubblikati skont l-Artikolu 34.

Artikolu 4, Qsim ta' fruntieri esterni

Bi sforz biex tittejjeb l-istruttura globali u ċ-ċarezza tat-test, id-derogi dettaljati eżistenti fil-punti (a) u (b) qed jitneħħew. Biex tinżamm is-sustanza tad-dispożizzjonijiet imħassra, l-Artikoli 18 u 19 ġew emendati biex ikun possibbli li jsiru derogi mill-Artikolu 4 għal tipi differenti ta' fruntieri u kategoriji ta' persuni b'mod ġenerali, flimkien mat-test tal-Anness VI 3.2.5.–9. (dgħajjes tad-divertiment u sajd mal-kosta) u l-Anness VII 3.1 (baħħara). Ir-referenza għal '*qsim ta' kultant*' fil-paragrafu 2 hija maħsuba biex ikun hemm distinzjoni ċara bejn l-eċċezzjonijiet awtorizzati skont din id-dispożizzjoni u r-reġimi lokali dwar it-traffiku fil-fruntieri li jippermettu '*qsim regolari*' (regolati mill-Artikolu 35 u r-Regolament (KE) Nru. 1931/2006). Barra minn hekk, il-paragrafu 2 jawtorizza espressament li jintlaħqu ftehimiet bilaterali f'dan il-qasam ma' pajjiżi terzi ġirien.

Artikolu 5, Kondizzjonijiet ta' dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi

– Paragrafu 1: Tul ta' żmien tas-soġġorn: wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-3 ta' Ottubru 2006 fil-kawża C-241/05, *Bot*, u l-adozzjoni ta' dispożizzjoni parallela relatata fl-Artikolu 2(2)(a) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, il-gwida leġiżlattiva ċara dwar il-kalkolu tat-'tliet xhur f'kull perijodu ta' sitt xhur' għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, qed tingħata permezz tal-allinjament tat-test mal-Kodiċi dwar il-Viżi. Dokumenti validi tal-ivvjaġġar b'risposta għall-ħtiġijiet prattiċi, it-test ġie allinjat mal-Artikolu 12 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, bl-inklużjoni tal-possibilità li l-gwardjani tal-fruntiera jkunu jistgħu jippermettu li jsiru eċċezzjonijiet f'każijiet ta' emerġenza.

– Paragrafu 4: Tneħħija tat-terminu 'viża ta' dħul mill-ġdid' li huwa skadut u jista' jfixkel. Sostituzzjoni tar-referenza għar-Regolament (KE) Nru. 415/2003 fl-Artikolu 5(4)(b) b'referenza għall-Kodiċi dwar il-Viżi ġdid. Peress li l-Artikolu 46 u l-Anness XII tal-Kodiċi dwar il-Viżi jeħtieġu li tinġabar statistika dwar il-viżi *f'kull lokalità* fejn l-Istati Membri joħorġu viża (din id-definizzjoni tinkludi punti fejn tinqasam il-fruntiera u fejn jinħarġu l-viżi), it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(4)(b) m'għadx għandu użu u għandu jiġi sostitwit b'referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi dwar il-Vizi.

Artikolu 7, Kontrolli fuq il-fruntiera fuq persuni

– Paragrafu 5: Kjarifika tal-obbligu eżistenti li tiġi pprovduta informazzjoni bil-miktub.

– Paragrafu 8 ġdid: Peress li minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali elenkati fl-Artikolu 4(2) (rekwiżiti ta' natura speċjali u sitwazzjonijiet ta' emerġenza) jista' jkun meħtieġ fil-prattika li ssir dispożizzjoni għal ċerti derogi mill-Artikolu 7, dan huwa espressament permess.

Artikolu 9, Korsiji separati u informazzjoni fuq tabelli

– Paragrafu 2: Il-possibilità ta' ħolqien ta' korsiji separati għal vjaġġaturi li ma jkollhomx viża għandha l-għan li tipprovdi iktar flessibilità u tħaffif tal-kontrolli fil-fruntieri skont il-ħtiġijiet prattiċi.

Artikolu 10, Ittimbrar tad-dokumenti tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini ta' pajjiż terz

– Paragrafu 2: Korrezzjoni tal-iżball lingwistiku fil-verżjoni EN tat-test.

– Paragrafu 3: Is-sitwazzjoni tal-ekwipaġġ tal-ferroviji f'konnessjonijiet internazzjonali tista' titqabbel ma' dik ta' piloti jew baħħara peress li l-ferrovija ssegwi skeda ta' ħinijiet fissi. Fir-rapport tagħha dwar 'l-ittimbrar' (COM(2009) 489 finali) ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni diġà ħabbret li se tintroduċi eżenzjoni mill-ittimbrar għal din il-kategorija ta' persuni.

Artikolu 11, Preżunzjonijiet fir-rigward tat-twettiq tal-kondizzjonijiet tat-tul ta' soġġorn

– Paragrafu 3: Addattament tekniku li jirriżulta mill-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida (Direttiva dwar ir-Ritorn 2008/115/KE).

– Paragrafu 4 ġdid: Addattament tekniku biex jimla' lakuna fit-test attwali (evidenza ta' ħruġ fil-każ ta' nuqqas ta' timbru tal-ħruġ).

Artikolu 12, Sorveljanza tal-fruntieri

– Modifika marbuta mas-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 13, Ċaħda tad-dħul

– Paragrafu 5: Addattament tekniku li jirriżulta mill-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida (Regolament dwar l-Istatistika dwar il-Migrazzjoni 862/2007).

Artikolu 15, l-Implimentazzjoni tal-kontrolli

– Paragrafu 1: Saret referenza speċifika għal kurrikuli b'bażi komuni għall-gwardjani tal-fruntiera li ġew żviluppati mill-FRONTEX. Il-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċifika lit-taħriġ biex jiġu identifikati sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli ġiet enfasizzata reċentement mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar Minorenni mhux Akkumpanjati (COM 2010(213) finali tas-6.5.2010).

Artikolu 18, Regoli speċifiċi għal tipi differenti ta' fruntiera u l-mezzi differenti ta' trasport użati biex jinqasmu l-fruntieri esterni

– L-aħħar sentenza: Biex l-emendi għall-Artikolu 4(2) ikunu kkumplimentati, qed tiġi pprovduta bażi sistematika u koerenti għat-tbassir ta' derogi għall-Artikolu 4 għal kull tip ta' fruntiera u kull mezz ta' trasport fl-Anness VI.

Artikolu 19, Regoli speċifiċi għall-verifiki fuq ċerti kategoriji ta' persuni

– Paragrafu 1 (g) ġdid: Sabiex ikun hemm derogi marbuta mad-dħul u l-ħruġ ta' membri tas-servizzi ta' salvataġġ, tal-pulizija u tas-servizzi tat-tifi tan-nar li jkunu qed jaġixxu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jeħtieġ li jkun hemm qafas legali speċifiku (iż-żieda ta' kategorija ġdida fl-Artikolu 19, akkumpanjata minn dispożizzjonijiet relatati fl-Anness VII) inkluża l-possibilità li jiġu konklużi ftehimet bilaterali fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

– Paragrafu 1 (h) ġdid: Qed issir eżenzjoni speċjali għall-ħaddiema li ma jaħdmux fuq l-art (bħall-ħaddiema fuq il-pjattaformi taż-żejt jew f'impjanti marittimi ta' enerġija mir-riħ) fl-Anness VII punt 8, li tipprovdi regoli li jistgħu jitqabblu mas-sajd minn mal-kosta (Anness VI, punt 3.2.8 u 9).

– Paragrafu 1, it-tieni sentenza: Biex l-emendi għall-Artikolu 4(2) jkunu kkumplimentati, qed tiġi pprovduta bażi sistematika u koerenti għat-tbassir ta' derogi għall-Artikolu 4 għal kull tip ta' fruntiera u kull mezz ta' trasport fl-Anness VII.

Artikolu 21, Verifiki fit-territorju

– Punt d: Ħafna Stati Membri ma' jimplimentawx l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (obbligu li jsir rapport dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-permanenza tagħhom hija legali u jidħlu fi Stati Membri oħra). Hemm kunsens ġenerali li jeżistu diffikultajiet prattiċi biex jiġi verifikat kemm qed jiġi osservat dan l-obbligu ta' rappurtar u ma seta' jsir l-ebda argument konvinċenti li mill-perspettiva tal-analiżi tal-ispejjeż u benefiċċji din ir-regola għandha impatt sinifikanti fuq l-identifikazzjoni ta' immigranti li qed joqgħodu b'mod illegali. Għalhekk fir-rapport reċenti tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tat-Titolu III (Fruntieri Interni) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (COM(2010) 554), ġie propost li l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen jitħassar, kif ukoll ir-referenza ekwivalenti għalih fl-Artikolu 21(d) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-emenda proposta ma taffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jagħmlu dispożizzjonijiet għal kontrolli ffukalizzati fuq il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali fit-territorju tagħhom, fil-limiti stipulati fl-Artikolu 21, punti a - c.

Artikolu 32, L-Emendi għall-Annessi

– Modifika marbuta mas-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 33, Twettiq tad-delegazzjoni

– Is-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun espressament mogħtija lill-Kummissjoni. Il-proposta ssegwi t-test standard suġġerit fl-abbozz tal-Fehma Komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea li tistipula metodu ta' ħidma fost l-istituzzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 290. It-test jista' jkun jeħtieġ iktar modifiki sabiex jikkunsidra r-riżultati tan-negozjati interistituzzjonali li għaddejjin bħalissa.

Artikolu 34, Notifiki

– Paragrafu 1: Kjarifika, relatata mal-emendi tal-Artikolu 2(15). Minħabba l-effetti leglai li l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen għandu fuq il-karti ta' residenza maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE, dan it-tip ta' permessi jridu jiġu speċifikament immarkati.

Artikolu 37, Notifika ta' informazzjoni mill-Istati Membri

– Allinjament tal-obbligi ta' rappurtar, li jobbligaw esspressament lill-Istati Membri li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-ftehimiet bilaterali kollha awtorizzati mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Anness III

– Addattament li jirriżulta mill-emenda tal-Artikolu 9(2) biex jippermetti li jkun hemm korsiji differenti għall-vjaġġaturi mingħajr viża.

Anness IV

– Paragrafu 3: Addattament tekniku. Minħabba d-daqs standard ta' dokument tal-ivjaġġar (126 x 88 mm), ta' tikketta tal-viża (105 x 74 mm) u tat-timbru ta' dħul u ħruġ (43 x 30 mm), teknikament sar impossibbli li tiġi osservata r-regola li t-timbri għandhom jitpoġġew fuq l-istess paġna li fiha titpoġġa l-isticker tal-viża, mingħajr ma tiġi potenzjalment affettwata l-leġġibilità tal-indikazzjonijiet fuq il-viża.

Anness VI

– Punt ġdid 1.1.4.: Sabiex ikun possibbli li jintlaħqu ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi ġirien tagħhom dwar il-koperazzjoni fil-kontrolli fuq il-fruntiera f'punti konġunti ta' qsim ta' fruntiera, jeħtieġ li jkun hemm qafas legali espliċitu li jkopri wkoll ċerti kwistjonijiet ewlenin bħas-sitwazzjoni ta' persuni li jitolbu l-protezzjoni internazzjonali. L-emenda proposta tippermetti lill-Istati Membri li jikkonkludu ftehimiet bilaterali (awtorizzazzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(1) TFEU), imma ma tikkostitwix obbligu.

– Punti 1.2.1 u 1.2.2.: Minħabba raġunijiet ta' konsistenza, ir-regoli tal-iffirmar ta' ftehimiet bilaterali dwar il-kontrolli fil-fruntiera fuq il-ferroviji qed jiġu allinjati mal-qafas legali propost fil-Punt 1.1.4. għat-traffiku fit-toroq. Minħabba t-tibdil propost fl-Artikolu 37, l-aħħar sentenza tal-punt 1.2.1 m'għadx għandha użu u għandha titħassar. Qed tiġi provduta iktar flessibilità fil-lok fejn jistgħu jsiru l-kontrolli, skont il-ħtiġijiet prattiċi.

– Punt 3.1.1-3.1.5: Adattamenti tekniċi li jallinjaw it-test mat-terminoloġija użata fil-Konvenzjoni FAL (Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar il-Faċlitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali) u fid-Direttiva 2010/65/UE dwar il-formalitajiet tar-rappurtar għall-bastimenti li jkunu waslu u/jew li jkunu qed jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri[1], inkluża l-introduzzjoni tal-possibilità li l-listi tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri jiġu trasmessi b'mod elettroniku; l-introduzzjoni ta' referenza għal informazzjoni meħtieġa mil-listi tal-Konvenzjoni FAL kif awtorizzata mid-Direttiva 2002/6/KE; il-possibilità li jiġu trasmessi l-listi lill-postazzjonijiet fuq fruntieri permezz tal-awtoritajiet tal-port; l-iskadenzi għat-trasmissjoni tal-listi; gwida iktar speċifika dwar il-verifiki amministrattivi tal-listi; u kjarifika dwar il-ħtieġa li jiġu verifikati persuni li jkunu abbord mingħajr ma jinżlu fuq l-art.

– Punt 3.2.1: Adattamenti li jirriżultaw mill-modifiki fil-punt 3.1.

– Punt 3.2.2.: Adattament, b'konformità mat-tibdiliet proposti fil-punt 3.1.4.

– Punt 3.2.4.: Sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni mal-punt 3.1.2, kif emendat, il-punt 3.2.4. għandu jitħassar.

– Punt 3.2.9.: Fil-punt 3.1.2. diġà jeżisti obbligu ta' notifika ta' tibdiliet u mhux meħtieġ li jiġi ripetut fil-kuntest tal-punt 3.2.9.

– Punt ġdid 3.2.10.(i): Kjarifika dwar il-ħtieġa li jiġu trasmessi l-listi tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri fil-każ ta' konnessjonijiet bil-vapur, b'allinjament mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Marittima 98/41/KE.

[1] Id-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE; ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1.

– Punt ġdid 3.2.11: Kjarifika fir-rigward tar-reġim applikabbli għall-bastimenti minn pajjiżi terzi li jieqfu iktar minn darba fit-territorju tal-Istati Membri, li ssegwi l-loġika u t-test ta' dispożizzjoni parallela li diġà teżisti għall-fruntieri tal-ajru (punt 2.1.2.(b) (iii)).

Anness VII

– Punt 3.1.: Korrezzjoni ta' żball editorjali: bosta mill-Istati Membri rratifikaw il-Konvenzjoni dwar id-Dokumenti ta' Identità tal-Baħħara Nru C 108, filwaqt li tliet Stati Membri biss irratifikaw il-Konvenzjoni dwar id-Dokumenti ta' Identità tal-Baħħara Nru. C 185 (LT, HU, FR). Għalhekk għandhom jissemmew iż-żewġ Konvenzjonijiet. Titjib editorjali: 'inżul fuq ix-xatt' fil-port jimplika mhux biss id-dħul iżda anki l-possibilità li wieħed imur lura fuq il-bastiment (ħruġ) meta l-permanenza fuq ix-xatt tispiċċa.

– Tħassir tal-aħħar sentenza tal-punt 3.1 u tal-punt 3.2.: Il-punt 3 jittratta derogi mill-Artikoli 4 u 7 biss, u *mhux* id-derogi mill-Artikolu 5. Għalhekk dan it-test jista' jisgwida u għaldaqstant għandu jitħassar.

– Punti 6.4 u 6.5.: Trid tiġi stabbilita lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għal raġunijiet ta' konsultazzjoni dwar il-minorenni (attwalment dan isir fuq bażi volontarja permezz tat-taqsima 3.7 u l-Anness 37 tal-Manwal ta' Schengen) u l-użu tagħha għandu jkun obbligatorju.

– Punt ġdid 7: Ara l-kumment għall-Artikolu 19(1)(g) hawn fuq.

– Punt ġdid 8: Ara l-kumment għall-Artikolu 19(1)(h) hawn fuq.

Anness VIII

– Adattazzjoni li tirriżulta mill-modifika tal-Artikolu 11.

*Artikolu 2 - Addattamenti għall-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen:*

– Tħassar l-Artikolu 21(3): Minħabba n-notifiki taħt l-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, din id-dispożizzjoni m'għadx hemm bżonnha u għandha titħassar.

– Tħassar l-Artikolu 22: Ara l-kummenti fl-Artikolu 21(d) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, hawn fuq.

– Tħassir tal-Artikolu 136: Ir-regoli li jittrattaw il-kontrolli fil-fruntieri ġew armonizzati permezz tal-liġi tal-UE. Dan jaffettwa s-setgħa tal-Istati Membri li jikkonkludu trattati f'dan il-qasam. Il-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stat Membru u pajjiż terż dwar il-kontrolli fil-fruntieri mingħajr permess speċifiku f'dan ir-rigward fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jaffettwa l-liġi tal-UE fis-sens tal-Artikolu 3(2) TFUE u l-Artikolu 2(1) TFUE. L-Artikolu 136 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen huwa inkompatibbli ma' dan il-prinċipju. Għalhekk għandu jitħassar.

2011/0051 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(1) u (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Li qed jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-fruntieri esterni timmira lejn ġestjoni integrata li tiżgura kontroll u sorveljanza ta' livell għoli u uniformi, li hija korollarju meħtieġ għall-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni Ewropea u komponent fundamentali ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għal dan il-għan għandhom jiġu stabbiliti regoli komuni dwar standards u proċeduri għall-kontroll tal-fruntieri esterni.

(2) Fit-13 ta' Ottubru 2006 daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[2].

(3) Wara erba' snin ta' applikazzjoni prattika, inħasset il-ħtieġa li jsiru għadd ta' emendi, imsejsa fuq l-esperjenzi fil-prattika tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, inklużi r-riżultati tal-Valutazzjonijiet ta' Schengen, kif ukoll ir-rapporti u t-talbiet li tressqu mill-Istati Membri.

(4) Ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Settembru 2009 dwar l-operat tad-dispożizzjonijiet dwar l-ittimbrar ta' dokumenti tal-ivjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont l-Artikoli 10 u 11 (COM(2009) 489), u kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2010 dwar l-applikazzjoni tat-Titolu III (Fruntieri Interni) tal-Kodiċi tal-

---

2 ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

Fruntieri ta' Schengen (COM(2010) 554), fihom suġġerimenti konkreti għal emendi tekniċi fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

(5) Leġiżlazzjoni li ġiet adottata reċentement, b'mod paritikolari r-Regolament (KE) Nru. 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)[3] u d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza mhux awtorizzata, teħtieġ ċerti emendi fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[4].

(6) Sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Fruntieri ta' Schengen jiġu allinjati mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali li jirregolaw is-sorveljanza skont l-Artikolu 12(5) kif ukoll ta' emendi għall-annessi skont l-Artikolu 32. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ssir trasmissjoni tad-dokumenti rilevanti f'ħin xieraq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(7) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jipprovdi emendi tekniċi fir-regoli eżistenti tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jista' jintlaħaq biss fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni Ewropea tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit ukoll f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dan l-għan;

(8) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen skond it-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja fir-rigward tal-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[5], li jaqgħu fl-ambitu imsemmi fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim[6].

(9) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament huwa żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fl-ambitu indikat fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea[7].

---

[3] ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.
[4] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.
[5] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
[6] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[7] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

(10) Fir-rigward ta’ Liechtenstein, dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta’ Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta’ Liechtenstein fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqa’ fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, punti A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE[8].

(11) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru. 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta’ Schengen, id-Danimarka, b’konformità mal-Artikolu 4 ta’ dak il-Protokoll, għandha tiddeċiedi jekk hix ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar l-adozzjoni ta’ dan ir-Regolament .

(12) Dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet dwar l-acquis ta’ Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta’ Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq biex jieħdu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen[9]. Għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(13) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen li fih l-Irlanda ma tipparteċipax, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta’ Frar 2002 fir-rigward tat-talba tal-Irlanda li tieħu sehem f’ċerti dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen[10]. Għalhekk l-Irlanda mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhix marbuta bih u lanqas hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen*

Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 1, il-punt (c) jitbiddel b’li ġej:

"(c) il-portijiet tal-baħar, tax-xmajjar u tal-għadajjar tal-Istati Membri għal kollegamenti regolari bil-vapur jew kollegamenti interni tal-merkanzija;”;

---

8 ĠU L 83, 26.3.2008, p. 5.
9 ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
10 ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

(b) fil-punt 4 il-kliem "kollegament regolari bi traġett" qed jiġi sostitwit bil-kliem "kollegament regolari intern bi traġett";

(c) il-punt 4a li ġej għandu jiddaħħal:

"4a 'kollegament intern tal-merkanzija' jfisser kwalunkwe tip ta' konnessjoni tal-merkanzija bejn l-istess żewġ portijiet jew aktar fit-territorju tal-Istati Membri, u li ma jmorru fl-ebda port barra t-territorju tal-Istati Membri;";

(d) fil-punt 5 il-frażi "persuni li għandhom id-dritt Komunitarju għal moviment liberu" qed tiġi sostitwita b'dan li ġej "persuni li jgawdu dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni";

(e) fil-punt 5(a) il-frażi "Artikolu 17(1)" qed tiġi sostitwita bil-frażi "Artikolu 20(1)";

(f) fil-punt 5(b) il-kelma "il-Komunità" hija sostitwita bil-kelma "l-Unjoni";

(g) fil-punt 6 l-frażi "Artikolu 17(1)" qed tiġi sostitwita bil-frażi "Artikolu 20(1)";

(h) Il-punt 15 jinbidel b'dan li ġej:

'permess ta' residenza' jfisser:

(a) il-permessi ta' residenza kollha maħruġa mill-Istati Membri skond il-format uniformi stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi format uniformi għall-permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiż terz u għall-karti ta' residenza maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE;

(b) kull dokument ieħor maħruġ minn Stat Membru favur ċittadin ta' pajjiż terz li jawtorizzah joqgħod fit-territorju tiegħu, li kien ġie notifikat u sussegwentement ġie ppubblikat skont l-Artikolu 34, bl-eċċezzjoni ta':

(i) permessi temporanji maħruġa sakemm tiġi eżaminata l-ewwel applikazzjoni għal permess ta' residenza kif stipulat fil-punt (a) jew applikazzjoni għal asil u

(ii) viżi maħruġa mill-Istati Membri fil-format uniformi stipulat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1683/95*

---

ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1–";

(2) Fl-Artikolu 3, il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) għad-drittijiet ta' persuni li għandhom id-dritt għal moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni;"

(3) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-paragrafu 1, jistgħu jkunu permessi eċċezzjonijiet għall-obbligu li wieħed jaqsam fruntieri esterni biss f'punti ta' qsim tal-fruntiera u waqt ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti:

(a) għal individwi jew gruppi ta' persuni, fejn hemm ħtieġa ta' natura speċjali għall-qsim ta' kultant tal-fruntieri esterni minn punti differenti minn dawk tal-qsim tal-fruntiera jew barra l-ħinijiet tal-ftuħ, basta li jkunu fil-pussess tal-permessi meħtieġa mil-liġi nazzjonali u li dan ma jkunx f'konflitt mal-interessi tal-ordni pubblika u s-sigurtà interna tal-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti speċifiċi fil-ftehimiet bilaterali;

(b) għal individwi jew gruppi ta' persuni f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza mhux prevista."

(4) L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-test introduttorju u l-punt (a) qed jinbidlu b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' permanenza fit-territorju tal-Istati Membri ta' mhux aktar minn tliet xhur fi kwalunkwe perijodu ta' sitt xhur mill-ewwel data ta' dħul fit-territorju tal-Istati Membri, il-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu kif ġej:

(a) ikunu fil-pussess ta' dokument validu tal-ivjaġġar jew ta' dokument li jawtorizzawhom jaqsmu l-fruntiera li jkun jissodisfa l-kriterji li ġejjin;

(i) ikun validu għal mill-inqas tliet xhur wara d-data li fiha jkun hemm l-intenzjoni ta' tluq mit-territorju tal-Istati Membri. Madankollu, f'każ ta' emerġenza ġġustifikat, dan l-obbligu jista' jitneħħa.

(ii) għandu jkun inħareġ fl-għaxar snin preċedenti".

(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1 iżda li jkollhom permess ta' residenza jew viża għal permanenza fit-tul, għandhom jiġu awtorizzati li jidħlu fit-territorji ta' Stati Membri oħra għal skop ta' tranżitu sabiex ikunu jistgħu jaslu fit-territorju tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew il-viża għal permanenza fit-tul, sakemm isimhom ma jkunx fuq il-lista nazzjonali ta' twissijiet tal-Istat Membru li tiegħu jkunu qed jippruvaw jaqsmu l-fruntieri esterni u li mat-twissija ma jkunx hemm istruzzjonijiet biex huma ma jitħallewx jidħlu jew jagħmlu tranżitu;"

(ii) fil-punt (b), l-ewwel u t-tieni paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, ħlief il-punt (b), u li jippreżentaw ruħhom fuq il-fruntiera jistgħu jitħallew jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri, jekk tinħareġ viża

fil-fruntiera skont l-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (KE) Nru. 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

L-Istati Membri għandhom jiġbru statistika dwar il-viżi maħruġa fil-fruntieri skont l-Artikolu 46 u l-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru. 810/2009.

---

ĠU L243, 15.9.2009, p.1 ”

(5) L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 il-frażi “persuni li għandhom id-dritt Komunitarju għal moviment liberu” qed tiġi sostitwita b’“persuni li jgawdu dritt ta’ moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni”.

(b) Fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 il-frażi “persuni li għandhom id-dritt Komunitarju għal moviment liberu” qed tiġi sostitwita b’“persuni li jgawdu dritt ta’ moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni”.

(c) Fir-raba’ subparagrafu tal-paragrafu 2 il-frażi “persuni li għandhom id-dritt Komunitarju għal moviment liberu” qed tiġi sostitwita b’“persuni li jgawdu dritt ta’ moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni”.

(d) (ċ) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu soġġetti għal verifika bir-reqqa fit-tieni linja għandhom jingħataw informazzjoni bil-miktub dwar l-għan u l-proċedura ta’ tali verifika.”

(e) fil-paragrafu 6 il-kelma ‘Komunitarju’ qed titħassar u l-frażi ‘skont il-liġi tal-Unjoni qed tiddaħħal wara l-kelma "liberu";

(f) qed jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. Meta jkunu applikabbli l-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll derogi mir-regoli stipulati f’dan l-Artikolu.”

(6) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

"2. (a) Persuni li jgawdu mid-dritt ta’ moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni għandhom id-dritt li jużaw il-korsiji indikati bit-tabella fit-taqsima A ("UE, ŻEE, CH") tal-Anness III. Jistgħu jużaw ukoll il-korsiji indikati bit-tabella fil-parti B1 (”bla viża”) u B2 (”il-passaporti kollha”) tal-Anness III.

Ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkollhomx l-obbligu li jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru. 539/2001 u ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta’ residenza validu jew viża ta’ soġġorn fit-tul jistgħu jużaw il-korsiji indikati bit-tabella fil-parti B1 (“*bla viża*”) tal-Anness III ta’ dan ir-Regolament. Huma jistgħu wkoll jużaw il-korsiji indikati fit-tabella fil-parti B2 (“*il-passaporti kollha*”) tal-Anness III ta’ dan ir-Regolament.

(b) Il-persuni l-oħra kollha għandhom jużaw il-korsiji indikati bit-tabella fil-parti B2 tal-Anness III.

L-indikazzjonijiet fuq it-tabelli msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu jistgħu jkunu bil-lingwa jew bil-lingwi li kull Stat Membru jqis xierqa.

Id-disponibilità ta' korsiji separati indikati bit-tabella fil-parti B1 ("*bla viża*") tal-Anness III hija għażla u mhux obbligu tal-Istati Membri. Għandhom jiddeċiedu jekk għandux ikun hemm tali korsiji u f'liema punti ta' qsim tal-fruntiera skont il-ħtiġijiet prattiċi."

(7) L-Artikolu 10 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li għalihom tapplika d-Direttiva 2004/38/KE, iżda li ma jippreżentawx il-karta ta' residenza prevista f'dik id-Direttiva, għandhom jiġu ttimbrati mad-dħul u mal-ħruġ.

Id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom id-dritt skont il-liġi tal-Unjoni għal moviment liberu, iżda li ma jippreżentawx il-karta ta' residenza prevista fid-Direttiva 2004/38/KE, għandhom jiġu ttimbrati mad-dħul u mal-ħruġ. "

(b) Fil-paragrafu 3, qed jiġu miżjuda l-punti segwenti (f) u (g):

"(f) għad-dokumenti tal-ivjaġġar tal-ekwipaġġ ta' ferroviji tal-passiġġieri u tal-merkanzija li joperaw konnessjonijiet internazzjonali;

(g) għad-dokumenti tal-ivjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw karta ta' residenza kif provdut fid-Direttiva 2004/38/KE."

(8) L-Artikolu 11 għandu jiġi emendat kif ġej:

Il-paragrafu 3 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Fil-każ li l-preżunzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix imwaqqa', iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jerġa' jirritorna skont id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Ġie miżjud il-paragrafu 4 ġdid:

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mutatis mutandis fin-nuqqas tat-timbru tal-ħruġ.

---

*ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98."

(9) Fl-Artikolu 12(5), it-test għandu jiġi ssostitwit bit-test li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 33 fir-rigward ta' miżuri addizzjonali li jirregolaw is-sorveljanza.";

(10) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiġbru statistika dwar in-numru ta' persuni li jkun inċaħdilhom id-dħul, ir-raġunijiet għaċ-ċaħda, iċ-ċittadinanza tal-persuni miċħuda u t-tip ta' fruntiera (art, ajru, baħar) li fiha kien miċħud id-dħul u għandhom iressqu din l-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru. 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*."

---

∗ ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23.

(11) Fl-Artikolu 15(1), it-tielet subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-gwardjani tal-fruntieri jkunu professjonisti speċjalizzati u mħarrġa sew, billi jqisu l-kurrikuli b'bażi komuni għall-gwardjani tal-fruntiera li ġie stabbilit u żviluppat mill-Aġenżija Ewropea għall-Immaniġġjar tal-Kooperazzjoni Operazzjonali mal-Fruntieri Esteri tal-Istati Membri stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2007/2004. Il-kurrikuli ta' taħriġ għandhom jinkludu taħriġ speċjalizzat biex jiġu individwati sitwazzjonijiet ta' vulnerabbilità partikolari li jikkonċernaw minorenni mhux akkumpanjati u vittmi ta' traffikar. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-gwardji tal-fruntiera biex jitgħallmu l-lingwi, b'mod partikolari dawk meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiethom."

(12) Fl-Artikolu 18, it-tieni paragrafu, ir-referenza "4" qed tiddaħħal wara l-kelma "Artikoli".

(13) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu qed jiġu miżjuda l-punti (g) u (h) li ġejjin:

"(g) servizzi ta' salvataġġ, il-pulizija u s-servizzi tat-tifi tan-nar;

(h) ħaddiema li jaħdmu barra x-xtut."

(b) fit-tieni subparagrafu r-referenza "4" qed tiddaħħal wara l-kelma "Artikoli".

(14) Fl-Artikolu 21, il-punt (d) qed jitħassar.

(15) L-Artikolu 32 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 32

Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delgati skont l-Artikolu 33 fir-rigward ta' emendi għall-annessi III, IV u VIII.";

(16) L-Artikolu 33 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 33

Eżeċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati tingħata lill-Kummissjoni taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta’ setgħa msemmija fl-Artikoli 12(5) u 32 għandha tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat minn X.X.2011. (Data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament)

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 12(5) u (32) tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ b’effett mill-jum ta’ wara l-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data sussegwenti speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe atti delegati li huma diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 12(5) u 32 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta’ dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjonijiet li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġġedded b'xahrejn oħra fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(17) Fl-Artikolu 34(1), il-punt (a) jinbidel b’dan li ġej:

"(a) il-lista ta’ permessi ta’ residenza, li tiddistingwi bejn dawk koperti mill-punt (a) tal-Artikolu 2 punt 15 u dawk koperti mill-punt (b) tal-Artikolu 2 point 15 u akkumpanjata minn kampjun ta’ permess kopert mill-Artikolu 2 punt 15 (b). Il-karti ta’ residenza maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE għandhom jiġu mmarkati b’mod speċifiku f’dan is-sens.”

(18) Fl-Artikolu 37, l-ewwel sentenza għandha tinbidel b’dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b’dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mal-Artikolu 21(c), bil-penali kif imsemmija fl-Artikolu 4(3) u bil-ftehimiet bilaterali awtorizzati minn dan ir-Regolament.”

(19) L-Annessi III, IV, VI, VII u VIII huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

*Emenda tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen*

Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 21 paragrafu 3 qed jitħassar;

(2) L-Artikolu 22 qed jitħassar;

(3) L-Artikolu 136 qed jitħassar.

*Artikolu 3*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ f'[...] jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi […],

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**ANNESS**

L-Annessi III, IV, VII u VIII huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima B qed tinbidel b'dan li ġej:

“Parti B1: ‘bla viża’;




BLA VIŻA

Parti B2: ‘il-passaporti kollha’.”




″ IL-PASSAPORTI KOLLHA

(b) Fil-Parti C, it-tabelli li ġejjin se jiddaħħlu bejn it-tabelli “UE, ŻEE, CH” u t-tabelli “IL-PASSAPORTI KOLLHA”.




BLA VIŻA KARROZZI




BLA VIŻA XARABANKIJIET




BLA VIŻA TRAKKIJIET

(2) Fl-Anness IV punt 3, l-ewwel paragrafu jitbiddel b'dan li ġej:

"Meta ċittadini ta' pajjiż terz, li għandhom l-obbligu li jkollhom viża, jidħlu u joħorġu, it-timbru għandu jsir fil-paġna faċċata tal-paġna li fuqha jkun hemm imwaħħla l-viża."

(3) Fl-Anness VI, il-punt 1 jiġi emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt 1.1.4 li ġej:

"*1.1.4. Punti konġunti għall-qsim tal-fruntieri*

1.1.4.1. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi terzi ġirien tagħhom rigward l-istabbiliment ta' punti konġunti għall-qsim tal-fruntieri fejn il-gwardjani tal-fruntiera ta' wieħed mill-istati jistgħu jagħmlu kontrolli ta' dħul u/jew ħruġ konformi mal-leġiżlazzjoni tagħhom fit-territorju tal-istat l-ieħor. Il-punti konġunti għall-qsim tal-fruntieri jistgħu jkunu fit-territorju tal-Istat Membru jew fit-territorju ta' pajjiż terz.

1.1.4.2. *Punti konġunti għall-qsim tal-fruntieri li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru*: Ftehimiet bilaterali li jistabbilixxu punti konġunti għall-qsim tal-fruntieri li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru għandhom jinkludu awtorizzazzjoni għal gwardjani ta' pajjiżi terzi biex jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fl-Istat Membru, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

**(a)** *Protezzjoni internazzjonali*: Ċittadin ta' pajjiż terz li jitlob il-protezzjoni internazzjonali f'territorju ta' Stat Membru għandu jingħata aċċess għall-proċeduri rilevanti tal-Istat Membru anki jekk l-istess ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx għadu għadda mill-kontroll tal-ħruġ tal-gwardjani tal-fruntiera tal-pajjiż terz fil-punt konġunt għall-qsim tal-fruntieri.

**(b)** *L-arrest ta' persuna jew il-qbid ta' proprjetà*: Jekk xi gwardjani tal-fruntiera ta' pajjiż terz isiru konxji ta' fatti li jiġġustifikaw l-arrest jew l-għoti ta' protezzjoni lil persuna jew il-qbid ta' propjetà, huma għandhom

- jew jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru b'dawn il-fatti u l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jiżguraw li l-każ jiġi segwit skont il-liġi nazzjonali, il-liġi tal-UE u l-liġi internazzjonali, indipendentement min-nazzjonalità tal-persuna kkonċernata,

- jew jaġixxu skont il-liġi nazzjonali tagħhom. Madankollu, f'dan il-każ il-persuna kkonċernata għandha tingħata l-opportunità ta' aċċess għall-Qrati tal-Istati Membri u d-disponibilità ta' rimedji suffiċjenti biex jiżguraw l-protezzjoni legali fl-oqsma koperti mil-liġi tal-Unjoni sabiex tkun tista' tingħata l-protezzjoni legali li l-individwi jgawdu taħt ir-regoli tal-Unjoni Ewropea u jkun żgurat li dawk ir-regoli jkunu kompletament effettivi.

**(c)** *Persuni li jidħlu fit-territorju tal-UE u li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni :* Il-gwardjani tal-fruntiera ta' pajjiżi terzi m'għandhomx iżommu lill-persuni li jgawdu d-dritt ta' moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni milli jidħlu fit-territorju tal-UE. Jekk ikun hemm raġunijiet li jiġġustifikaw ċaħda għall-ħruġ mill-pajjiż terz ikkonċernat, il-gwardjani tal-fruntiera tal-pajjiż terz għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar dawn ir-raġunijiet u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-każ ikun segwit b'mod xieraq skont il-liġi nazzjonali, il-liġi tal-UE u l-liġi internazzjonali.

1.1.4.3. *Punti konġunti għall-qsim tal-fruntieri li jinsabu fit-territorju tal-pajjiż terz*: Ftehimiet bilaterali li jistabbilixxu punti konġunti għall-qsim tal-fruntieri li jinsabu fit-territorju ta' pajjiżi terzi għandhom jinkludu awtorizzazzjoni għal gwardjani tal-Istati Membri biex jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fil-pajjiż terz skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

**(a)** *Protezzjoni internazzjonali*: Ċittadin ta' pajjiż terz li jkun għadda minn kontroll tal-ħruġ magħmul minn gwardjani tal-fruntiera ta' pajjiż terz u sussegwentement jitlob il-protezzjoni internazzjonali lill-gwardjani ta' Stat Membru li jkunu preżenti fil-pajjiż terz, għandu jingħata aċċess għat-territorju tal-Istat Membru rilevanti, bil-għan li jingħata bidu għall-proċeduri rilevanti. L-awtoritajiet ta' pajjiż terz għandhom jaċċettaw it-trasferiment tal-persuna kkonċernata fit-territorju tal-Istati Membri.

**(b)** *L-arrest ta' persuna jew il-qbid ta' proprjetà*: Jekk xi gwardjani tal-fruntiera ta' Stat Membru jsiru konxji ta' fatti li jiġġustifikaw l-arrest jew l-għoti ta' protezzjoni lil persuna jew il-qbid ta' propjetà, huma għandhom jaġixxu skont il-liġi nazzjonali tagħhom u l-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni. L-awtoritajiet ta' pajjiż terz għandhom jaċċettaw jew joġġezzjonaw għat-trasferiment tal-persuna kkonċernata fit-territorju ta' Stat Membru.

**(c)** *Ċittadini ta' pajjiż terz li jidħlu fil-pajjiż li tiegħu għandhom iċ-ċittadinanza:* Il-gwardjani tal-fruntiera ta' Stat Membru m'għandhomx jostakolaw iċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat milli jidħlu fil-pajjiż li tiegħu għandhom iċ-ċittadinanza. Jekk ikun hemm raġunijiet li jiġġustifikaw ċaħda għall-ħruġ mill-Istat Membru skont il-liġi tal-Istat Membru, il-gwardjani tal-fruntiera tal-Istat Membru għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz dwar ir-raġunijiet u l-awtoritajiet tal-pajjiż terz għandhom jiżguraw li l-każ ikun segwit skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali.

1.1.4.4. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-Ftehim ma' dan ir-Regolament qabel jikkonkludu jew jemendaw

kwalunkwe Ftehim bilaterali dwar punti konġunti ta' qsim tal-fruntiera ma' pajjiżi terzi ġirien.

Jekk il-Kummissjoni tqis il-Ftehim inkompatibbli ma' dan ir-Regolament, għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru għandu jieħu l-passi kollha xierqa biex jemenda l-Ftehim fuq tul ta' żmien raġonevoli b'tali mod illi jelimina l-inkompatibiltajiet stabbiliti."

(b) il-punti 1.2.1 u 1.2.2 qed jinbidlu b'dan li ġej:

"1.2.1. Għandhom jitwettqu verifiki kemm fuq il-passiġġieri u kif ukoll fuq l-ekwipaġġ ta' ferroviji li jaqsmu l-fruntieri esterni, inklużi dawk fuq ferroviji tal-merkanzija jew ferroviji vojta. L-Istati Membri jistgħu jiffirmaw ftehimiet bilaterali dwar kif għandhom jitwettqu dawk il-verifiki, b'rispett tal-prinċipji stipulati fil-punt 1.1.4. Dawk il-verifiki għandhom jitwettqu b'wieħed mill-metodi li ġejjin:

– fl-ewwel stazzjon tal-wasla jew fl-aħħar stazzjoni tat-tluq fit-territorju ta' Stat Membru,

– fuq il-ferrovija, waqt tranżitu bejn l-aħħar stazzjoni tat-tluq f'pajjiż terz u l-ewwel stazzjoni tal-wasla fit-territorju ta' Stat Membru jew vici versa,

– fl-aħħar stazzjon tat-tluq jew fl-ewwel stazzjoni tal-wasla fit-territorju ta' pajjiż terz,

1.2.2. Barra minn hekk, u sabiex tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku tal-ferroviji tal-passiġġieri b'veloċità għolja, l-Istati Membri li jkunu fuq l-itinerarju ta' dawn il-ferroviji minn pajjiżi terzi jistgħu wkoll jiddeċiedu, bi qbil komuni mal-pajjiżi terzi kkonċernati u b'rispett tal-prinċipji stipulati fil-punt 1.1.4, li jwettqu verifiki fuq il-persuni fuq ferroviji li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, bl-użu ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:

– fl-istazzjonijiet f'pajjiż terz fejn il-persuni jimbarkaw fuq il-ferrovija,

– fl-istazzjonijiet fejn il-persuni jiżbarkaw fit-territorju tal-Istati Membri,

fuq il-ferrovija waqt it-tranżitu bejn l-istazzjonijiet fit-territorju ta' pajjiż terz u l-istazzjonjiet fit-territorju tal-Istati Membri, bil-kondizzjoni li l-persuni jibqgħu fuq il-ferrovija".

(4) Fl-Anness VI, il-punt 3 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3.1.1., it-tieni sentenza qed tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali li permezz tagħhom ikunu jistgħu jitwettqu kontrolli waqt il-qsim jew meta l-bastiment jasal fi jew jitlaq mit-territorju ta' pajjiż terz, b'rispett tal-prinċipji stipulati fil-punt 1.1.4.

(b) il-punti 3.1.2, 3.1.3., 3.1.4 u 3.1.5 qed jinbidlu b'dan li ġej:

"3.1.2. Il-kaptan jew kwalunkwe persuna oħra debitament awtorizzata mill-operatur tal-bastiment (fiż-żewġ istanzi minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-kaptan"),

għandu jħejji lista tal-membri tal-ekwipaġġ u ta' xi passiġġieri li jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa fil-formola 5 (lista tal-membri tal-ekwipaġġ) u fil-formola 6 (lista tal-passiġġieri) tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL) kif ukoll, fejn meħtieġ, in-numru tal-viża jew tal-permess ta' residenza sa mhux iktar tard minn

– erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-wasla fil-port, jew

– mill-waqt li l-bastiment ikun ħiereġ mill-port preċedenti, jekk it-tul tal-vjaġġ ikun ta' inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa, jew

– jekk il-port tad-destinazzjoni ma jkunx magħruf jew ikun inbidel matul il-vjaġġ, hekk kif din l-informazzjoni tkun disponibbli.

Il-kaptan għandu jibgħat il-lista(i) lill-awtorità kompetenti maħtura minn dak l-Istat Membru (gwardjani tal-fruntiera jew awtoritajiet tal-port jew awtoritajiet oħra, li għandhom jibgħatuha(hom) mingħajr dewmien lill-gwardjani tal-fruntiera).

3.1.3. Il-kaptan għandu jirċievi konferma tal-wasla tal-lista(i), u għandu jippreżentaha meta hekk mitlub meta l-bastiment jasal fil-port.

3.1.4. Il-kaptan għandu jirrapporta immedjatament lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bdil fil-membri tal-ekwipaġġ jew fin-numru ta' passiġġieri.

Barra minn hekk, il-kaptan għandu jinnotifika minnufih lill-awtoritajiet kompetenti, u fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 3.1.2., dwar il-preżenza abbord ta' passiġġieri bla permess. Dawn tal-aħħar għandhom, madankollu, jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan tal-bastiment.

B'deroga mill-Artikoli 4 u 7, m'għandhomx isiru kontrolli sistematiċi fil-fruntiera fuq persuni li jkunu qegħdin abbord. Madankollu għandha ssir spezzjoni fiżika tal-bastiment u verifiki personali tal-persuni abbord mill-gwardjani tal-fruntiera fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali.

3.1.5. Il-kaptan tal-bastiment għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar it-tluq tal-bastiment f'ħin opportun u skont ir-regoli li jkunu fis-seħħ fil-port ikkonċernat."

(c) il-punt 3.2.1. qed jinbidel b'dan li ġej:

"3.2.1. Il-kaptan ta' vapur tal-kruċieri għandu jibgħat lill-awtorità kompetenti l-itinerarju u l-programm tal-kruċiera, fil-limitu taż-żmien stipulat fil-punt 3.1.2."

(d) fil-punt 3.2.2., it-tieni subparagrafu qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali, għandhom jitwettqu verifiki fuq l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ta' dawn il-bastimenti."

(e) fil-punti 3.2.3.(a) u 3.2.3.(b) ir-referenza "punt 3.2.4" qed tiġi sostitwita bir-referenza "punt 3.1.2.";

(f) fil-punt 3.2.3.(e), it-tieni subparagrafu qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali, għandhom jitwettqu verifiki fuq l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ta' dawn il-bastimenti."

(g) il-punt 3.2.4. qed jitħassar;

(h) fil-punt 3.2.9, it-tieni subparagrafu qed jitħassar

(i) fil-punt 3.2.10., qed jiżdied il-punt (i) li ġej:

"(i) Il-punt 3.1.2. (obbligu li jingħataw listi tal-passiġġieri u tal-membri tal-ekwipaġġ) ma japplikax. Jekk ikun meħtieġ li ssir lista tal-persuni abbord skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE*, kopja ta' din il-lista trid tintbagħat mill-kaptan lill-awtorità kompetenti tal-port tal-wasla fit-territorju tal-Istati Membri, mhux iktar tard minn tletin minuta wara t-tluq minn port ta' pajjiż terz.

---

* ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35."

(j) il-punt 3.2.11 li ġej għandu jiżdied:

"3.2.11. Meta lanċa li ġejja minn pajjiż terz, b'aktar minn waqfa waħda fit-territorju tal-Istati Membri, ittella' passiġġieri abbord biss għall-parti tal-vjaġġ li jkun fadal f'dak it-territorju, dawk il-passiġġieri għandhom ikunu soġġetti għal verifika tal-ħruġ fil-port tat-tluq u verifika tad-dħul fil-port tal-wasla.

Verifiki fuq passiġġieri li, waqt dawn il-waqfiet, diġà jkunu abbord il-vapur u ma jkunux telgħu abbord fit-territorju tal-Istati Membri għandhom jitwettqu fil-port tal-wasla."

(5) Anness VII, punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 3.1. u l-punt 3.2. għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

B'deroga mill-Artikoli 4 u 7, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-baħħara li jkollhom dokument tal-identità ta' baħħara maħruġ skond il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar id-Dokumenti ta' Identità tal-Baħrin Nru. 108 (1958) u Nru. 185 (2003), il-Konvenzjoni ta' Londra tad-9 ta' April 1965 u l-liġijiet rilevanti nazzjonali, biex jidħlu fi u joħorġu mit-territorju tal-Istati Membri billi jinżlu l-art biex jibqgħu fiż-żona tal-port fejn jidħlu l-bastimenti tagħhom jew fil-muniċipalitajiet ta' madwar mingħajr ma jippreżentaw irwieħhom f'punt ta' qsim tal-fruntiera, bil-kondizzjoni li huma jkunu jidhru fuq il-lista tal-ekwipaġġ tal-bastiment tagħhom li tkun ġiet sottomessa minn qabel għal verifika mill-awtoritajiet kompetenti.

Madankollu, skond il-valutazzjoni tar-riskji tas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali, il-baħħara għandhom ikunu soġġetti għal verifika skond l-Artikolu 7 mill-gwardjani tal-fruntiera qabel ma jinżlu l-art."

(6) Fl-Anness VII punt 6, qed jiżdiedu l-punti 6.4. u 6.5. li ġejjin:

"6.4. L-Istati Membri għandhom jinnominaw punti ta' kuntatt nazzjonali għal konsultazzjoni dwar minorenni u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Istati Membri il-lista ta' dawn il-punti ta' kuntatt nazzjonali.

6.5. Fil-każ ta' dubju marbut ma' xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fil-punti 6.1., 6.2. u 6.3., il-gwardjani tal-fruntiera għandhom jużaw il-lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għal konsultazzjoni dwar minorenni."

(7) Fl-Anness VII qed jiżdiedu il-punti 7 u 8 li ġejjin:

"7. Servizzi ta' salvataġġ, il-puliżija u s-servizzi tat-tifi tan-nar

L-arranġamenti għad-dħul u l-ħruġ ta' membri tas-servizzi ta' salvataġġ, tal-pulizija u tas-servizzi tat-tifi tan-nar li jaġixxu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, għandhom ikunu stipulati mil-liġi nazzjonali, u fejn applikabbli, permezz ta' ftehimiet bilaterali. Dawn l-arranġamenti jistgħu jipprovdu għal derogi mill-Artikoli 4, 5, u 7.

8. Ħaddiema li jaħdmu barra x-xtut

B'deroga mill-Artikoli 4 u 7, il-ħaddiema li jaħdmu barra x-xtut (fuq pjattaformi taż-żejt, f'impjanti marittimi ta' enerġija mir-riħ, etc.) li regolarment jirritornaw bil-baħar jew bl-ajru fit-territorju tal-Istati Membri mingħajr ma jkunu daħlu fit-territorju ta' pajjiż terz, m'għandhomx jiġu verifikati sistematikament.

Madankollu, għandha tiġi kkunsidrata l-valutazzjoni tar-riskji tal-immigrazzjoni illegali, b'mod partikolari fejn il-kosta ta' pajjiż terz tinsab fil-viċinanza immedjata ta' sit barra mix-xatt, sabiex tkun iddeterminata l-frekwenza li biha jridu jsiru l-kontrolli."

(8) Fl-Anness VIII fil-formola standard, il-frażi "timbru tad-dħul" qed tiġi sostitwita bil-frażi "timbru tad-dħul jew tal-ħruġ" u l-kliem "daħal/daħlet" qed jiġu sostitwiti bil-frażi "daħal/daħlet jew telaq/telqet".